MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 82/2003/1

**John Spiteri**

**vs**

**Raymond Spiteri**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Dicembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu Taxi tal-marka Volkswagen Passatt bin-numru LWY 210, huwa gie

investit minn vettura misjuqa mill-konvenut tal-marka Volkswagen Passat bin-numru LWY 226.

U peress illi dan l-incident sehh minhabba traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, b'mod specjali bil-manuvra azzardata illi huwa ghamel.

U peress illi l-attur minhabba dan l-incident sofra danni ingenti kif ukoll lukri cessanti, meta huwa gie prekluz illi juza t-taxi tieghu, f'dawk il-jiem sa meta issewwiet.

U peress illi l-attur irid jigi kkompensat ghal dawn id-danni.

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux:-**

1. Jiddikjara illi l-incident mertu ta' dan l-avviz (fuq imsemmi) gara tort u htija tal-konvenut.

2. Jillikwida dawk id-danni kollha sofferti minn l-attur minhabba f'dan l-incident.

3. Jikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni hekk likwidat.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ispedizzjoni ta' l-ittra ufficcjali tat-2 ta' Lulju 2003.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-2 ta' Lulju 2003 u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Ghal kull bwon fini qed jigi ddikjarat illi d-danni reklamati ma jeccedux l-elf lira Maltin (Lm1000) u ghalhekk jaqghu fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal."

Ra r-risposta:

"Illi l-incident in kwistjoni gie provokat unikament u esklussivament bit-traskuragni ta' l-attur peress illi l-attur, minhabba illi kien tiela bi speed qawwi mit-triq tal-port ta' l-Imgarr, meta wasal ghall-liwja biex jaqbad it-triq ghal

Victoria, il-vettura tieghu gibdet ghal fuq il-karreggjata ta' barra tat-triq tort tal-velocita eccessiva illi biha kien ghaddej l-attur, bil-konsegwenza illi laqat il-vettura tal-konvenut illi kien ghadu kif beda jikser lejn Victoria, tant illi l-vettura tal-konvenut sofriet danni fuq quddiem taghha kollu.

Ghaldaqstant, il-konvenut qieghed jitlob illi l-attur jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jekk dan l-Onorabbli Tribunal jiggudika billi jimputa l-htija fuq iz-zewg partijiet, u mhux esklussivament fuq parti wahda, allura l-esponenti jitlob it-tpacija ta' dak dovut minnu, ma' ammont ugwali ta' dak dovut lilu bhala spejjez fuq il-vettura.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Il-partijiet taw kemm a tempo vergine kif ukoll quddiem it-Tribunal verzjonijiet differenti dwar kif sehh l-incident. L-attur jghid li lemah minn distanza konsiderevoli lill-konvenut niezel minn Triq l-Imgarr fid-direzzjoni tal-port tal-Imgarr u li f'hin minnhom dan ghamel U-turn inaspettata u baqa' diehel fil-vettura tal-attur. Il-konvenut min-naha tieghu jghid li huwa kien gej minn Saint Anthony Street li hija triq laterali ghal Triq l-Imgarr fil-punt fejn din tilwi lejn ix-xellug fid-direzzjoni ta' Victoria, kif tajjeb jidher fl-iskizz a fol 36. Din id-differenza fil-verzjonijiet pero' ftit taghmel differenza ghax jibqa' l-fatt li l-attur kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu u allura kellu d-dritta filwaqt li l-konvenut kien qieghed jimmanuvra biex imur minn naha ghall-ohra ta' triq arterjali b'erba' karreggjati; tnejn fuq kull naha tat-triq.

Ghalhekk il-konvenut kellu juza' attenzjoni u prudenza fis-sewqan ferm ikbar minn dik tal-attur. Min-naha l-ohra, l-attur li fi kliemu stess lemah lill-konvenut sa minn ferm qabel ma sehhet il-habta, messu wkoll uza l-prudenza u ha azzjoni evaziva biex jevita l-habta. Min-naha tieghu, il-

konvenut ma jistax jitwemmen meta qal li l-attur kien qieghed isuq b'velocita' qawwija. Brake-marks ma kellux u wara l-habta ma baqax ghaddej imma waqaf kwazi fuq il-post tal-habta; bin-naha ta' wara tal-karozza tieghu magemb in-naha ta' quddiem tal-vettura tal-konvenut. Ghalhekk l-attur ma setax kien gej b'velocita'; anzi, kien gej bi speed ferm moderat u l-konvenut minflok waqaf baqa' hiereg.

F'dawn ic-cirkostanzi, jirrizulta li z-zewg partijiet jahtu ghall-incident, ghax kull sewwieq ghandu joqghod attent ghal dak li jara fit-triq u li jkun *in plain view*; izda r-responsabilita' tal-konvenut hija ikbar minn dik tal-attur.

Dwar il-kwantum tad-danni, jidher li l-attur kellu LM306.45 tal-parts; LM152.79 xoghol ta' tiswija u telf ta' xoghol ghal jumejn LM28; total: LM487.24; filwaqt li l-konvenut kellu LM445.81 parts u LM25 excess imhallsa lill-assikurazzjoni; total: LM470.81. Il-konvenut xehed li kellu LM700 danni b'kollox bejn parts u xoghol ta' tiswija; izda ma esebixxa l-ebda kont tax-xoghol ta' tiswija li ghalhekk it-Tribunal qieghed jillikwida arbitrio boni viri fis-somma ta' LM150. Ghalhekk it-total tad-danni sofferti mill-konvenut huma LM620.81c.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenut ihallsu, tenut kont tad-debita tpacija, is-somma ta' LM 117.88c. L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-02.07.2003 jithallsu kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut."

L-attur hassu aggravat b'din id-decizjoni u minnha appella b'dawn l-obbjezzjonijiet:-

i. Ir-ragonament tat-Tribunal li akkolla parti mit-tort ghall-incident lilu kien wiehed zbaljat;

ii. Is-sentenza ma kienetx tispjega kif giet apporzjonata l-htija;

iii. Il-likwidazzjoni tad-danni kellha titqies impreciza billi ma hadetx konsiderazzjoni tat-telf tax-xoghol subit;

iv. It-tpacija ma setghetx tigi adoperata anke ghaliex il-konvenut ma ressaq l-ebda kontro-talba.

Jibda biex jigi osservat illi hu l-kaz illi fejn il-provi prodotti jkunu jikkonsistu, tista' tghid, fix-xhieda biss taz-zewg sewwieqa, spiss drabi kontrastanti u konfliggenti, hu dmir ta' min irid jiggudika illi jittanta jirrikostruwixxi d-dinamika tal-incident. Dan bl-iskop illi minn tali rikostruzzjoni l-gudikant ikun jista' jasal biex jidentifika r-responsabilitajiet tas-sewwieqa nvolut.

Kif drabi ohra ntqal "fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti b'provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu versjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwassu l-gudikant biex jrrizolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet fejn, bhal dak taht ezami, dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikun sehh l-incident jew sempliciment ghaliex dan isir f'salt tant illi s-sewwieq ma jkunx verament irrealizza x'ikun gara" – "**Moira Galea –vs- Michael Zerafa**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.

F'kazijiet ta' din ix-xorta allura minflok ma t-tribunal ikollu ghalfejn jaqa' fuq l-iskappatoja tar-regola ta' "in dubio pro reo", dan ghandu jezamina l-verzjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u tal-versomiljanza biex jara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi.

Precizata din l-osservazzjoni, hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti mill-ezami tal-provi kollha attendibbli illi ma ghandhiex f'dan il-kaz issostni l-motivazzjoni tat-Tribunal fir-rigward tar-responsabilita` ghall-akkadut.

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. L-iskizz juri b’mod car illi l-habta avverat fuq in-naha tat-triq transitata mill-appellanti. Kif konfermat mis-Surgent Joseph Mizzi (fol 35) d-debris, indikat bl-ittra ‘G’ fl-iskizz, jaghti ndikazzjoni cara illi l-habta grat proprju fil-kareggjata li fiha kien qed isuq l-appellant fi triqtu lejn ir-Rabat;

2. Kemm jekk kien gej minn Triq Sant Antnin skond il-verzjoni tal-konvenut jew mir-Rabat, skond il-verzjoni tal-attur, kien jinkombi fuq il-konvenut illi gjaladarba ried jidhol fil-‘flow of traffic’ li kien sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat hu htieglu jassikura illi l-manuvra li kien intenzjonat jaghmel seta’ jaghmilha b’sikurezza u b’mod li ma jfixkelx it-traffiku li kien gejt fil-korsija li taghti ghal dik il-lokalita`. Jekk kif isostni l-konvenut appellat hu kien lemah lill-appellant minn mitejn (200) metru boghod, u skond hu wkoll rah gej bi speed qawwi, hu messu uza aktar prudenza u attenzjoni li jesplora t-triq sewwa u jassikura qabel jibda hiereg fil-lane transitata mill-appellant illi l-manuvra li ried jaghmel seta’ jibdiha u jtenniha bla ostakolu ghall-appellant.

3. Dejjem jekk, kif mistqarr minnu wkoll, huwa basar li l-appellant ma kienx ser jirrallenta messu ma hareg xejn qabel ma kien cert li t-triq kienet libera u mhux jiddisturba l-kors tat-traffiku li jkun ghaddej minnha. Certament fid-data cirkostanza li kien jinsab fiha il-buon sens kellu jiddettalu diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija li jcedi lill-appellanti li del resto kien ghaddej fi triqtu. Kienet proprju din in-nuqqas ta’ attenzjoni u prudenza li kienet fil-fehma tal-Qorti l-unika kawza prossima u immedjata tas-sinistru.

4. L-ispjegazzjoni fornita mill-appellat li hu ma dahalx fil-karreggjata tal-attur appellant mhiex wahda plawsibbli tenut rigward tad-debris konstatat fit-triq, kif ahjar indikat fl-iskizz.

5. Din il-Qorti ezaminat ukoll jekk kienx il-kaz li taddossa xi kontributorjeta` fir-responsabilita` ghall-habta lill-attur appellant, izda ma tarax li tista’ tikkondividi l-fehma tat-Tribunal fir-rigward. Gjaladarba l-appellant kien

qed isuq regolarment fi triqtu, u gjaladarba wkoll gie mill-istess Tribunal determinat illi dan ma setax kien qed isuq b'velocita`, difficilment din il-Qorti tifhem imbaghad ir-ragonament illi dan messu ha azzjoni evaziva biex jevita l-habta. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-ebda djalettika ma' tista sslava l-vizzju ta' dan l-argoment. Ghax jekk is-sewqan tal-attur kien wiehed korrett u regolamentari kif jista' qatt jigi pretiz jew koncepit illi fl-agonija tal-kollizjoni s-sewwieq l-iehor ser johroglu 'ex abrupto' fil-karreggjata tieghu.

6. Indubbjament il-fatti cirkostanzjali kienu tali li kellhom jinducu lit-Tribunal jasal ghall-unika konkluzjoni possibbli u li tikkorrispondi ghas-sewwa. Dik cjoe illi fl-isfond ukoll tal-versjonijiet u tar-'res gestae' l-htija kellha interament tigi addebitata lill-konvenut appellat.

Gjaladarba din il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni l-likwidazzjoni tad-danni sofferti ghandha tikkomprendi kemm il-hsarat effettivi ammontanti komplessivament ghal erbgha mija disgha u hamsin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm459.24,0) (Ara dokumenti minn fol 20 sa fol 23), kif ukoll it-telf ta' uzu tat-taxi sakemm din damet tissewwa bir-rata ta' sbatax il-lira (Lm17) kuljum. Rata din li qed tigi applikata ghall-erbat ijiem, jigifieri total ta' tmienja u sittin lira (Lm68). Dan igib bhala ammont shih ta' danni figura ta' hames mija, sebgha u ghoxrin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm527.24,0).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-konvenut appellat kien unikament fi htija ghall-kollizzjoni li sehhet fis-17 ta' Frar 2003 fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur appellant in linea ta' danni s-somma ta' hames mija sebgha u ghoxrin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm527.24,0). L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------